# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 1368/96 GCD**

**RO.VE.R. Manufacturing Company Limited**

**vs**

**Associated Supplies LImited**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI ATTRICI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fid-29 ta' April 1996, is-socjeta' attrici, wara li ppremettiet li l-kumpanija konvenuta hija debitrici fis-somma ta' Lm3837.43, l-import ta' zewg kambjali li kellhom jigu mhallsa fit-22 ta' Settembru 1995 u fil-31 ta' Marzu 1996 rispettivament, talbet illi l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh skond id-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma kumplessiva ta' tlett elef, tmien mija u sebgha u tletin lira u tlieta u sebghin centezmu

(Lm3,837.43) import ta' zewg kambjalijiet, bl-ispejjez u bl-imghax sal-jum tal-effettiv pagament.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

2. Is-socjeta' konvenuta eccepiet illi s-socjeta' attrici, kif indikata fic-citazzjoni attrici, ma tezistix; illi l-azzjoni attrici hija intempestiva billi s-socjeta' attrici baqghet sallum ma ezegwietx il-konsenja totali tal-ordni kollha maghmula mis-socjeta' konvenuta; illi l-hlas tal-valur tal-kambjala esebita bhala Dokument A kienet soggetta ghal kondizzjoni stipulata fil-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Settembru 1995, liema kondizzjoni baqghet ma avveratx ruhha billi s-socjeta' attrici ma ezegwietx l-obbligi kollha minnha assunti ai termini tal-istess ftehim – it-talba attrici ghall-hlas ta' l-import ta' din il-kambjala hija ghalhekk insostenibbli u infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt; illi l-iskadenza u l-hlas tal-valur tal-kambjala esebita bhala Dokument B kienet ukoll suggetta ghal kondizzjoni stupulata tal-ordni ffirmata bejn il-kontendenti fit-2 ta' Frar 1995, liema kondizzjoni baqghet ma avveratx ruhha billi s-socjeta' attrici ma ezegwietx l-ordni totali maghmula mis-socjeta' esponenti u accettata minnha. It-talba attrici ghall-hlas ta' l-import ta' din il-kambjala hija ghalhekk insostenibbli u infondata, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt; illi, subordinatament, is-socjeta' esponenti sofriet ukoll danni ngenti, spjegati u mitluba fil-kontrotalba annessa, b'rizultat u konsegwenza tal-inadempjenza, xoghol hazin u dewmien tas-socjeta'

attrici fl-esekuzzjoni tal-ordni u tax-xoghol rikjest mis-socjeta' esponenti, liema ammont ta' danni jeccedu l-valur tat-talbiet attrici; salv eccezzjonijiet ohra u b'rizerva ghal kull dritt ta' azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta' konvenuta skond il-ligi kontra s-socjeta' attrici.

**<u>IL-KONTROTALBA TAS-SOCJETA' KONVENUTA</u>**

3. Is-socjeta' konvenuta ipprevaliet ruhha minn din in-nota ta' eccezzjonijiet sabiex taghmel ukoll kontrotalba, fejn wara li ppremettiet illi hija kienet ordnat *Master Antenna Television System* u *Audio Sound System* minghand is-socjeta' attrici, liema ordni kienet tinkludi wkoll l-installazzjoni, *testing* u *commissioning* tal-istess sistemi; illi s-socjeta' attrici baqghet inadempejnti fl-esekuzzjoni tal-ordni hekk maghmula mis-socjeta' konvenuta billi naqset milli taghmel il-kunsinna totali, fiz-zmien u bil-mod miftiehem, tal-imsemmija sisteni, u in oltre naqset ukoll milli tezegwixxi x-xoghol rikjest minnha skond l-arti u s-sengha, oltre illi l-istess socjeta' attrici eventwalment abbandunat il-ftehim milhuq mas-socjeta' konvenuta u baqghet ma kkonkludietx l-istess xoghol ordnat minnha; illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta sofriet danni ngenti, konsistenti principalment kemm fi spejjez zejda illi nkorriet inutilment b'effett immedjat u dirett tal-inadempjenza, dewmien u xoghol hazin tas-socjeta' attrici, u kif ukoll fi spejjez konsegwenzjali sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici; illi, nonostante interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnha kkagunati, is-

socjeta' attrici baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; talbet ghaldaqstant illi dik il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni neccessarja u opportuna, (i) tiddikjara illi s-socjeta' attrici kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' l-ordni maghmula mis-socjeta' konvenuta billi naqset milli taghmel il-kunsinna totali, fiz-zmien u bil-mod miftiehem, tas-sistemi ordnati mis-socjeta' konvenuta, oltre li naqset ukoll milli tezegwixxi x-xoghol rikjest minnha skond l-arti u s-sengha, u li kif ukoll eventwalment abbandunat il-ftehim milhuq mas-socjeta' konvenuta u baqghet ma kkonkludietx l-istess xoghol ordnat minnha; (ii) tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta sofriet danni ngenti, konsistenti principalment kemm fi spejjez zejda illi nkorriet inutilment b'effett immedjat u dirett tal-inadempjenza, dewmien u xoghol hazin tas-socjeta' attrici, kif ukoll fi spejjez konsegwenzjali sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici; (iii) tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, dawk id-danni hekk sofferti mis-socjeta' konvenuta; (iv) tikkundanna lis-socjeta' attrici sabiex thallas lis-socjeta' konvenuta dik is-somma in linea ta' danni illi tigi hekk likwidata – bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-eventwali pagament kontra s-socjeta' attrici, u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta' konvenuta skond il-ligi kontra s-socjeta' attrici.

**L-ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTROTALBA TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

4. Ghall-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici eccepiet illi kienet is-socjeta' konvenuta li naqset milli tonora l-kuntratt mal-kumpanija attrici, illi s-socjeta' attrici ma kkagonat l-ebda danni lis-socjeta' konvenuta, anzi kienet din li kkagonat danni lis-socjeta' attrici; illi s-socjeta' attrici onorat l-obbligi taghha skond il-kuntratt, anke meta rinfaccjat bin-nuqqas tal-kumpanija konvenuta sija f'dak li huwa dewmien biex jigi approvat materjal kemm f'dak li huwa hlas li kellu jsir akkont; illi s-socjeta' konvenuta arbitrarjament u minghajr ebda dritt unilateralment hassret il-kuntratt u, wara li kien gja' gie provdut il-materjal u l-apparat kollu, qabbdet lil haddiehor biex tevita li thallas; salv eccezzjonijiet ohra.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

5. B'sentenza moghtija fl-10 ta' Lulju 1997, l-ewwel Qorti, wara li pprovdiet illi taqta' dwar it-talbiet tas-socjeta' attrici u tqis l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta bhala parti mill-meritu tal-kontrotalba, ddecidiet billi tilqa' it-talba attrici ghall-hlas tal-kambjalijiet u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas tlett elef, tmien mija u sebgha u tletin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm3,837.43), bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala. Il-Qorti ordnat li l-flus ikunu depozitati fir-registru tal-Qorti u s-socjeta' attrici tkun tista' tizbankahom biss wara li ggib garanzija ta' bank lokali ghar-radd tal-flus jekk ikun hemm sentenza li tghid hekk – l-ispejjez ikunu decizi flimkien mal-kontrotalba.

**L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

6. Is-socjeta' esponenti hassitha aggravata minn dan il-provvediment u din is-sentenza u, b'digriet moghti waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju 1997, l-ewwel Qorti tat lis-socjeta' esponenti fakolta' li tappella qabel is-sentenza finali.

7. L-aggravju tas-socjeta' konvenuta jikkonsisti fis-segwenti :

(i) Illi l-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13), in ezami, jipprovdi, fil-qosor, illi l-eccezzjonijiet illi huma personali ghall-pussessur tal-kambjala u li jkunu jenhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom ghandu jsir f'kawza ghaliha, u l-kundanna ghall-hlas tal-kambjala ma ghandhiex tkun imdewma. L-ewwel Qorti, izda ma haditx konjizzjoni, b'kull rispett, ghall-argument sollevat mis-socjeta' esponenti, illi uhud mill-eccezzjonijiet tas-socjeta' esponenti kienu jolqtu l-validita' u d-data tal-iskadenza tal-kambjali nfishom.

L-artikolu 174 tal-istess Kodici jipprovdi illi "l-kambjala migbuda ghal zmien jew jum determinat ghandha tithallas fiz-zmien jew il-jum fiha imsemmijin." Fil-kaz in ezami, z-zmien ghall-hlas tal-kambjali meritu tal-kawza odjerna huma determinanti bil-kuntratti relattivi u ezebiti bhala Dokument ASL1 u Dokument ASL2 rispettivament.

Illi, fl-ewwel dokument, u cioe' fil-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Settembru 1995, huwa stipulat b'mod car illi **"it is espressly understood that RO.VE.R. MFg Ltd are to meet all their commitments as outlined above in order for ASL to honour the Bill of Exchange, on time"** – fi kliem iehor id-data ghall-hlas tal-kambjala ezebita bhala Dokument A mis-socjeta' attrici, kellu jigi determinat mid-data illi fiha s-socjeta' attrici tkun ezegwiet l-obbligi kollha minnha assunti ai termini tal-istess ftehim, u mhux qabel – is-socjeta' konvenuta qieghdha, fit-tielet eccezzjoni ghat-talbiet attrici, teccepixxi l-intempestivita' u l-infondatezza tat-talba attrici ghall-hlas ta' din il-kambjala stante illi s-socjeta' attrici baqghet ma ezegwietx l-obbligi kollha minna assunti fl-istess ftehim u kwindi ghadu ma ghalaqx iz-zmien determinat mill-kontraenti illi fih kellha tithallas il-kambjala.

Illi l-istess argument japplika wkoll fil-kaz tal-kambjala ezebita bhala Dokument B mis-socjeta' attrici u li kellha tithallas fiz-zmien determinat fil-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Frar 1995 (Dokument ASL2). Ir-rapprezentant tas-socjeta' esponenti, Christopher Rizzo, spjega illi din il-kambjala kienet tirrapprezenta l-valur tal-5% *retention* indikat fil-paragrafu b) tal-*agreed payment terms* u li, skond l-istess ftehim, kien dovut **"six months, commencing from completion of satisfactory commissioning."** Is-socjeta' esponenti tirritjeni, fir-raba' eccezzjoni taghha ghat-talbiet attrici, illi s-socjeta' attrici baqghet ma kkompletatx il-*commissioning* illi ntrabtet li taghmel skond il-ftehim u,

konsegwentement, iz-zmien determinat ghall-hlas tal-kambjala ghadu ma skadiex.

Illi hija l-umli sottomissjoni tal-esponent ghalhekk illi kull wahda mill-eccezzjonijiet hawn fuq sollevati ma humiex personali ghall-pussessur tal-kambjala; kif ikkontemplat fl-artikolu 198 hawn fuq citat, izda pjuttost tattakka l-pretensjoni attrici illi effettivament skada z-zmien determinat ghall-hlas tal-kambjali formanti l-meritu tal-kawza odjerna.

Illi s-socjeta' appellanti ghalhekk ma taqbilx, b'kull rispett, mal-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jistghu jitqiesu wkoll fil-kontrotalba bhala parti mill-ispejjez zejda illi s-socjeta' konvenuta qieghdha titlob minghand is-socjeta' attrici.

(ii) Illi, in oltre, u min-natura tal-kontrotalba tas-socjeta' esponenti, johrog car illi din il-kontrotalba qieghdha ssir bi skop ta' kumpensazzjoni u sabiex iggib fix-xejn l-azzjoni tas-socjeta' attrici u timpedixxi l-effetti ta' tali azzjoni. Tezisti in oltre konnessjoni diretta bejn it-talbiet rispettivi tal-kontendenti billi l-iskop tal-kontrotalba hija intiza, kif ikkontemplat fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12 u gja' permess minn dina l-Qorti fi stadju preliminari, sabiex iggib fix-xejn it-talbiet attrici billi jigi rikonoxxut u dikjarat minn dina l-Qorti illi s-socjeta' esponenti ma hijiex kreditrici tas-socjeta' attrici, jew li, f'kaz ta' ezitu favorevoli taz-zewg talbiet rispettivi tal-kontendenti, issir tpacija bejn iz-zewg krediti.

Illi l-appellant nomine jiccita, in sostenn ta' dan l-argument, is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fit-28 ta' Novembru 1988 fil-kawza fl-ismijiet "Dottor David Tonna nomine vs Boris Arcidiacono nomine" fejn gie ritenut illi l-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc ma hux ostakolu ghall-ezercizzju tad-dritt tal-konvenut illi jaghmel kontrotalba kif ikkontemplat fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12, hawn fuq citat – liema ezercizzju tad-dritt huwa, fuq kollox, fl-interess ta' gustizzja ekwa u gusta bejn zewg kontendenti fl-istess kawza illi jippretendu xi dritt kontra xulxin.

Illi, konsegwentement, hija l-umli sottomissjoni tas-socjeta' esponenti illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeciedi dwar it-talba attrici separatament u fi stadju anterjuri ghall-ezami tal-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta, izda kellha proprjament tezamina z-zewg talbiet rispettivi, u intimament konnessi, flimkien sabiex tasal ghal decizjoni wahda u ekwa bejn l-istess kontendenti f'din il-kawza.

(iii) Illi, in oltre, s-socjeta' appellanti tirrileva illi sal-gurnata tas-sentenza fuq citata, kull prova illi ngiebet quddiem l-ewwel Qorti kienet tirrigwarda il-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta, b'mod ghalhekk illi ma kienu ngiebu ebda provi u wisq anqas gew ittrattati t-talbiet attrici u/jew l-eccezzjonijiet tas-socjeta' esponenti fir-rigwad. Is-socjeta' appellanti baqghet ghalhekk sorpriza meta sabet ruhha rinfaccjata fis-seduta tal-10 ta' Lulju 1997, mhux b'provvediment dwar jekk il-kawza ghandhiex tigi maqsuma f'zewg kawzi separati, izda sahansitra wkoll b'sentenza

fejn gew allokati t-talbiet attrici minghajr ebda prova jew trattazzjoni fir-rigward.

Illi ghalhekk is-sentenza appellata timmerita illi tigi revokata.

Ghaldaqstant, is-socjeta' konvenuta appellanti talbet illi l-provvediment u s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Lulju 1997, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, jigu revokati u mhassra, u minflok dina l-Qorti terga' tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti u tordna illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tiehu l-kors normali taghha billi t-talbiet attrici f'din il-kawza jigu trattati u decizi flimkien mat-talbiet tas-socjeta' konvenuta, kontenuti fil-kontrotalba fl-istess kawza, ossia taghti dawk l-ordnijiet u/jew divizzjonijiet xierqa sabiex it-talbiet attrici jigu trattati u decizi anke jekk separatament mill-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta wara li jinstemghu l-provi kollha fir-rigward u jsiru wkoll l-osservazzjonijiet u sottomissjonijiet li jkun hemm bzonn. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' attrici.

**<u>RISPOSTA TAL-KUMPANIJA ATTRICI GHAR-RIKORS TAL-APPELL TAL-KUMPANIJA KONVENUTA</u>**

8. L-attur appellat wiegeb hekk :

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma ghaliex hija moghtija b'applikazzjoni preciza tal-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc

(Kap. 13), kif jirrizulta mill-atti tal-process li ghalihom l-esponenti jaghmlu riferenza sihiha.

Ghalhekk l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

9. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li s-socjeta' attrici harrket lis-socjeta' appellanti konvenuta ghal hlas ta' ammont fi flus rapprezentanti l-valur ta' zewg kambjali iffirmati mis-socjeta' konvenuta. L-appellanti konvenuti mhux biss ikkontestaw il-pretensjonijiet attrici b'nota ta' eccezzjonijiet imma intavolaw kontratalba.

Jirrizulta li l-ewwel Qorti bdiet tisma' l-provi prodotti mill-partijiet u li fis-seduta datata 25 ta' April 1997 (ara fol. 12) gie inter alia rregistrat il-verbal li gej,

> "Billi jidher illi xi whud mill-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma humiex tali li jistghu jinqatghu malajr u ghaldaqstant jidher li huwa mehtieg provvediment taht l-artikolu 198 tal-Kap. 13, il-Qorti thalli l-kawza ghall-10 ta' Lulju 1997, tissejjah fid-9.15am, ghal dan il-provvediment kif ukoll bla pregudizzju sabiex jitkompla s-smiegh tax-xhieda u tibqa' tinstema' sa l-10am. Sadanittant is-socjeta' konvenuta ghandha fakolta' taghmel nota ta' osservazzjonijiet dwar l-applikabbilita' ta' dan l-artikolu sal-24 ta' Mejju 197. Din in-nota tkun komunikata lil Dr. Borg Grech li jkun jista' jwiegeb sal-21 ta' Gunju 1997." (sottolinear tal-Qorti).

10. Fl-10 ta' Lulju 1997, l-ewwel Qorti wara li rriteniet illi l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta' konvenuta huma personali ghall-pussessur tal-kambjala u mhux fuq il-forma tal-kambjala, kif ukoll li dawn l-eccezzjonijiet ma setghux jinqatghu malajr f'dik il-kawza u htigilhom invece jitqiesu f'kawza ghalihom, ghaddiet mill-ewwel biex tiddeciedi dwar it-talbiet attrici maghmulha fic-citazzjoni u dan, fi kliemha,

> "billi tilqa' t-talba ghall-hlas tal-kambjalijiet u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas tlett elef tmien mija u sebgha u tletin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm3837.43c) bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala ……. L-ispejjez ikunu decizi flimkien mal-kontrotalba."

11. L-aggravju tas-socjeta' konvenuta huwa duplici billi hija

(i) Mhix taqbel mas-senetnza appellata in kwantu gie ritenut li l-eccezzjonijiet huma personali ghall-pussessur tal-kambjala li jinhtiegu ezami fit-tul u li ghandhom jinstemghu f'kawza ghaliha, u l-kundanna ghall-hlas m'ghandhiex tkun imdewma. Sostniet inoltre li kien hemm konnessjoni diretta u intima bejn it-talbiet rispettivi tal-kontendenti li setghu anke jinnewtralizzaw lil xulxin. L-ewwel Qorti kien messha kkonsidrat z-zewg talbiet tal-partijiet kontendenti f'daqqa u mhux separatament u tat decizjoni wahda ;

(ii) F'kull kaz l-ewwel Qorti kien messha tat l-opportunita' lill-partijiet li jressqu l-provi kollha taghhom. Minflok provvediment dwar jekk il-

procedura kellhiex tinqasam f'zewg kawzi separati, l-ewwel Qorti qabdet u ddecidiet wahda minnhom b'mod prematur.

**<u>Dwar l-ewwel aggravju tas-socjeta' konvenuta</u>**

12. L-ewwel aggravju tas-socjeta' konvenuta hu relatat mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) u specifikament jekk dawn japplikawx o meno ghall-eccezzjonijiet sollevati minnha.

L-artikolu 198 tal-Kap. 13 jghid hekk :

198(1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.

(2) Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidrilha l-Qorti m'ghandhiex tkun imdewma."

Illi minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti ddecidiet dwar <u>zewg</u> aspetti fid-deliberazzjonijiet taghha, jigifieri li

(1) L-eccezzjonijiet imressqa ma humiex fuq il-forma tal-kambjala: ma humiex eccezzjonijiet ‘kambjarji’ izda ‘persunali’ ghall-pussessur tal-kambjala ; u

(2) Ma jistghux jinqatghu malajr f’din il-kawza ghax biex jinqatghu huwa mehtieg ezami ta’ x’kienu l-prestazzjonijiet miftehma bejn il-partijiet.

Is-socjeta’ konvenuta fl-appell taghha ghadha ssostni illi xi whud mill-eccezzjonijiet taghha “ma kienux personali ghall-pussessur tal-kambjala ghax, a differenza ta’ dak ritenut mill-ewwel Qorti, kien hemm eccezzjonijiet li jolqtu l-validita’ u d-data tal-iskadenza tal-kambjali nfishom.”

13. Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari kienet tolqot ir-ritwalita’ o meno tal-procedura billi kienet tattakka l-isem tas-socjeta’ attrici. Din l-eccezzjoni pero’ giet ezawrita u l-izball fl-isem tas-socjeta’ gie debitament korrett in forza ta’ digriet datat 21 ta’ Novembru 1996 (fol 28 tal-process) u dan wassal biex is-socjeta’ konvenuta tirrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni.

Il-bqija tal-eccezzjonijiet huma relatati mal-ezekuzzjoni tal-kambjali pero’ fl-istess waqt jirrizulta li l-fatti msemmija mis-socjeta’ konvenuta jikkonnettu l-esegwibilita’ o meno tal-kambjali ma’ eccezzjonijiet li proprjament huma personali ghall-possessur u li jinvolvu indagini shiha

ta' ftehim in iskritt ulterjuri bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti. Fil-generalita' taghhom kwindi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta m'humiex eccezzjonijiet kambjarji ghaliex gew allaccjati ma' obbligazzjonijiet addizzjonali li jmorru 'l hinn minn dawk l-obbligi li jiskaturixxi mill-kambjali de quo. Li kieku kienu ta' facile spedizzjoni, imqar jekk kienu eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali, l-ewwel Qorti setghet liberament tiddeciedi dwarhom mill-ewwel u fl-istess procediment. U dan ma jidhirx li kien il-kaz u ghazla bhal din tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tkun qed tisma' l-kawza. Dan hu bizzejjed biex igieghel lill-Qorti li tifred iz-zewg kawzi u tismaghhom separatament. Pero' dan ghandu jsir wara provvediment f'dan is-sens. Kif elabora l-kompjant Professur Felice Cremona (ara notes on Comemercial Law – Part II – University of Malta publications),

> "The question, therefore, whether a plea can be conveniently and speedily disposed of in the pending action or not is one of fact which the Court, in its discretion is to decide, due regard being had to all the circumstances of the case."

Il-Professur Joseph Micallef (ara noti tieghu fuq Law of Bills of Exchange, Notes and Cheques, pag 159) jikteb li,

> "When pleas are raised in an action on a bill of exchange, apart from examining the substantive nature of the plea, that is, whether it is of a real or a personal nature, the Court must bear in mind Section 198, namely, that although the plea is of a personal nature, it cannot delay the payment of the bill and must be referred to a separate action if the plea requires a lengthy examination ……"

Fil-fehma tal-Qorti, kif jindikaw anke ictu oculi l-eccezzjonijiet sollevati mill-parti konvenuta u mill-provi li bdew iressqu, l-eccezzjonijiet hekk sollevati u li huma ta' natura personali, huma komplessi u certament jinhtiegu indagini fit-tul li bilfors ittawwal il-proceduri gjudizzjarji sakemm jigu rizolti u decizi kollha. Illi allura u kif jinghad fil-kawza fl-ismijiet "Salamone vs Roro" moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Frar 1902 (ara Koll. Vol. XIX – III – 92),

> "attesocche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagini e quindi ……, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio."

Minn dan ghalhekk isegwi li l-ewwel Qorti kienet korretta meta marte proprio ddecidiet li tikkunsidra l-posizzjoni taghha a tenur ta' l-artikolu 198 tal-Kap. 13 surreferit u halliet il-kawza ghall-provvediment opportun. Kienet ukoll korretta l-ewwel Qorti, fil-fehma ta' din il-Qorti, meta hija ddecidiet li ma tismax ukoll f'daqqa l-kontrotalba tal-parti konvenuta. Illi ghalhekk din il-parti tad-decide, dik jigifieri li tisma' z-zewg kawzi separatament, hija korretta. Fejn invece jidher li l-Qorti marret oltre dak li hi stess iddikjarat li kienet ser taghmel, hu meta dik il-Qorti qabdet u ghaddiet mill-ewwel biex taqta' u tiddeciedi wkoll dwar it-talbiet attrici – u dan hu proprju tat-tieni aggravju tas-socjeta' konvenuta li din il-Qorti sejra issa tinvesti.

**Dwar it-tieni aggravju tas-socjeta' konvenuta**

14. Bhala tieni aggravju, s-socjeta' konvenuta qieghda tillanja mill-fatt li sal-gurnata tas-sentenza appellata, "kull prova illi ngiebet quddiem l-ewwel Qorti kienet tirrigwarda l-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta, b'mod ghalhekk illi ma kienu ngiebu ebda provi u wisq anqas gew ittrattati t-talbiet attrici u/jew l-eccezzjonijiet taghha."

Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti taghmel ghal darb'ohra riferenza ghall-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-ewwel Qorti fil-25 ta' April 1997 mnejn jemergi kjarament li l-kawza kienet qieghda tigi differita ghall-provvediment taht l-artikolu 198 tal-Kap. 13 <u>u mhux ghas-sentenza finali dwar it-talbiet attrici</u>. Di fatti fl-istess verbal (ara fol 112) jinghad ukoll illi dan il-provvediment kien ser jinghata "bla pregudizzju sabiex jitkompla s-smiegh tax-xhieda ……". Dan l-intendiment bejn il-Qorti u l-partijiet fil-kawza tant kien car li anke s-socjeta' attrici stess fin-nota ta' osservazzjonijiet responsiva taghha (ara fol 173 tal-process, para 6) esprimiet fis-sens li kien,

> "…..<u>Jidher mill-provi li ngiebu mill-konvenuti s'issa</u> li ntqal hafna pero' s-sustanza hija nieqsa <u>u l-provi li l-esponenti atturi ghad iridu jressqu meta u fejn ikun il-waqt, ghad juru kemm verament din hija l-posizzjoni</u> (sottolinear tal-Qorti)

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li qabel ma l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza kellha qabel xejn tkun certa li l-istadju tal-gbir tal-provi u sottomissjonijiet tal-kontendenti jkun tassew avvera ruhu.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi u tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' in parte l-appell interpost mis-socjeta' konvenuta u f'dan is-sens qieghda tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz li l-kawza attrici u l-kontrotalba konvenuta ghandhom jinstemghu u jigu decizi separatament u dan minhabba n-natura tal-eccezzjonijiet li gew sollevati, izda tirrevoka u thassar dik il-parti fejn dik l-istess Qorti ghaddiet biex tiddeciedi finalment dwar l-istess talbiet attrici u ghalhekk qeghda tordna l-atti jintbaghtu lura, tramite r-Registratur, lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex wara li, okkorrendo, tkompli tisma' x-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar it-talbiet attrici skond il-ligi tghaddi ghad-decizjoni taghha konformement.  Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha gudizzjarji taz-zewg istanzi jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

Dep/Reg

mg